

FTEHIM

TAD-29 TA' APRIL, 2004

**BEJN IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U L-BANEK ĊENTRALI NAZZJONALI TA' L-
ISTATI MEMBRI LI FL-1 TA' MEJJU, 2004, IKUNU BARRA Ż-ŻONA TA' L-EWRO,**

**LI JEMENDA L-FTEHIM TA' L-1 TA' SETTEMBRU, 1998, LI JISTABILIXXI L-
PROCĊEDURI OPERATTIVI GĦAL MEKKANIŻMU TAR-RATI TAL-KAMBJU FIT-TIELET
STADJU TA' L-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA**

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW (BĊE) U L-BANEK ĊENTRALI NAZZJONALI TA' L-ISTATI MEMBRI LI FL-1 TA' MEJJU, 2004, IKUNU BARRA Ż-ŻONA TA' L-EWRO (MINN ISSA 'L QUDDIEM 'IL-BĊNi BARRA Ż-ŻONA TA' L-EWRO'),

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju, 1997,¹ (minn issa 'l quddiem 'ir-Riżoluzzjoni') iddeċieda li jwaqqaf mekkaniżmu tar-rati tal-kambju (minn issa 'l quddiem 'ERM II') meta beda, fl-1 ta' Jannar, 1999, it-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja.
- (2) Skond ir-Riżoluzzjoni, l-ERM II huwa mfassal biex jgħin biex jiżgura li l-iStati Membri li ma jagħmlux parti miż-żona ta' l-ewro imma qed jipparteċipaw fl-ERM II, jidderieġu l-politika tagħhom għall-istabbiltà, jinkoraġġixxi l-konverġenza u b'hekk jgħinhom fl-isforzi tagħom biex jaddottaw l-ewro.
- (3) Il-Ftehim ta' l-1 ta' Settembru, 1998, bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri barra ż-żona ta' l-ewro, li jistabbilixxi l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu tar-rati tal-kambju fit-tielet stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja² (minn issa 'l quddiem 'il-Ftehim tal-Bank Ċentrali'), jistabbilixxi l-proċeduri operattivi għall-ERM II.
- (4) Jinħtieġ li l-Ftehim tal-Bank Ċentrali jiġi emendat biex jieħu konsiderazzjoni tas-sħubija tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-iSlovenja u r-Repubblika Slovakkja, fl-Unjoni Ewropea, u tal-banek ċentrali nazzjonali tagħhom (BĊNi) li se jsiru parti mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fl-1 ta' Mejju, 2004.
- (5) Għandhom isiru wkoll żewġ emendi testwali għall-Ftehim tal-Bank Ċentrali,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artiklu 1

Emendi għall-Ftehim tal-Bank Ċentrali minħabba s-sħubija ta' l-iStati Membri l-ġodda

1. Iċ-Česká národní banka, l-Eesti Pank, is-Central Bank of Cyprus, il-Latvijas Banka, il-Lietuvos bankas, il-Magyar Nemzeti Bank, il-Bank Ċentrali ta' Malta, in-Narodowy Bank Polski, il-Banka Slovenije u n-Národná banka Slovenska għandhom isiru partijiet fil-Ftehim tal-Bank Ċentrali b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004.

¹ ĠU Ċ 236, 2.8.1997, pġ. 5.

² ĠU Ċ 345, 13.11.1998, pġ. 6. Ftehim kif emendat bil-Ftehim ta' l-14 ta' Settembru, 2000 (ĠU Ċ 362, 16.12.2000, p. 11).

2. L-Anness II mal-Ftehim tal-Bank Ċentrali huwa sostitwit bit-test ipprovdut fl-Anness ma' dan il-Ftehim.

Artiklu 2

Emendi oħra għall-Ftehim tal-Bank Ċentrali

Il-Ftehim tal-Bank Ċentrali huwa sostitwit kif ġej:

1. L-Artiklu 9.1 huwa sostitwit b' li ġej:

‘Il-bilanċi ta’ finanzjament għal perjodu qasir u li huma pendenti’ għandhom ikunu irremunerati skond ir-rata domestika u rappreżentattiva tas-suq tal-flus għal perjodu ta’ tliet xhur, tal-valuta tal-kreditur użata fid-data tan-negozju ta’ l-operazzjoni tal-bidu ta’ finanzjament jew, fil-każ ta’ xi tiġdid skond l-Artikli 10 u 11 ta’ dan il-Ftehim, ir-rata tas-suq tal-flus għal perjodu ta’ tliet xhur, tal-valuta tal-kreditur użata fil-jumejn tan-negozju qabel id-data li fiha tiskadi l-operazzjoni tal-bidu ta’ finanzjament li għandha tiġġedded.’

2. L-Artiklu 19 huwa sostitwit b' li ġej:

‘Kooperazzjoni fl-armonizzazzjoni (*concertation*)

Il-BĊNi barra ż-żona ta’ l-ewro u li ma jipparteċipawx fl-ERM II, għandhom jikkooperaw mal-BĊE u mal-BĊNi parteċipanti barra ż-żona ta’ l-ewro fl-armonizzazzjoni (*concertation*) u/jew l-iskambji l-oħra ta’ informazzjoni meħtieġa għall-funzjoni xierqa ta’ l-ERM II.’

Artiklu 3

Dispożizzjonijiet Finali

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju, 2004.
2. Dan il-Ftehim għandu jinkiteb bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż u ffirmat kif għandu jkun mill-partijiet. Il-BĊE, li hu mitlub biex iżomm il-Ftehim oriġinali, għandu jibgħat kopja ċertifikata ta’ kull wieħed mill-Ftehim oriġinali bl-Ingliż, bil-Franċiż, u bil-Ġermaniż lil kull BĊN kemm fiż-żona ta’ l-ewro, kif ukoll barra din iż-żona.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fid-29 ta' April, 2004.

F'isem u għall-

Bank Ċentrali Ewropew

F'isem u għaċ-

Česká národní banka

F'isem u għad-

Danmarks Nationalbank

F'isem u għall-

Eesti Pank

F'isem u għas-

Central Bank of Cyprus

F'isem u għal-

Latvijas Banka

F'isem u għal-

Lietuvos bankas

F'isem u għall-

Magyar Nemzeti Bank

F'isem u għall-

Bank Ċentrali ta' Malta

F'isem u għan-

Narodowy Bank Polski

F'isem u għall-

Banka Slovenije

F'isem u għan-

Národná banka Slovenska

F'isem u għall-

Sveriges Riksbank

F'isem u għal

The Bank of England

“ANNEX II

**LIMITI MASSIMI DWAR L-AĊĊESS GĦALL-FAĊILITA' FINANZJARJA GĦAL
PERJODU QASIR IMSEMMIJA FL-ARTIKLI 8, 10 U 11 TAL-FTEHIM TAL-BANK
ĊENTRALI**

**b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004
(f' miljuni ta' ewro)**

Banek ċentrali partijiet f'dan il-Ftehim	Limiti ⁽¹⁾
Česká národní banka	700
Danmarks Nationalbank	730
Eesti Pank	300
Central Bank of Cyprus	290
Latvijas Banka	340
Lietuvos bankas	390
Magyar Nemzeti Bank	680
Bank Ċentrali ta' Malta	270
Narodowy Bank Polski	1 830
Banka Slovenije	350
Národná banka Slovenska	470
Sveriges Riksbank	990
Bank of England	4 660
European Central Bank	nil

BĊNi fiż-żona ta' l-Ewro**Limiti massimi**

Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	nil
Deutsche Bundesbank	nil
Bank of Greece	nil
Banco de España	nil
Banque de France	nil
Central Bank and Financial Services Authority of Ireland	nil
Banca d'Italia	nil
Banque centrale du Luxembourg	nil
De Nederlandsche Bank	nil
Oesterreichische Nationalbank	nil
Banco de Portugal	nil
Suomen Pankki	nil

⁽¹⁾ Għall-banek ċentrali li ma jipparteċipawx fl-ERM II, l-ammonti indikati għandhom biss valur kunċettwali.”